A.L. 47 ta' l-2006

ORDINANZA DWAR IR-REGOLAMENT TAT-TRAFFIKU (KAP. 65)

ATT DWAR AWTORITÀ DWAR IT-TRASPORT TA' MALTA (KAP. 332)

Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru fir-Regolament tat-Traffiku

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikolu 54 ta' l-Ordinanza dwar ir-Regolament tat-Traffiku u bl-artikolu 32 ta' l-Att dwar Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, il-Ministru għall-Iżvilupp Urban u Toroq, b'konsultazzjoni ma' l-Awtorità dwar it-Trasport ta' Malta, għamel ir-regolamenti li ġejjin:

Titolu.

1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti ta' l-2006 li jemendaw ir-Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru fir-Regolament tat-Traffiku, u għandhom jinqraw u jinftiehmu ħaġa waħda mar-Regolamenti ta' l-1997 dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Oġġetti ta' Ingombru fir-Regolament tat-Traffiku, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejħa "ir-regolamenti prinċipali".

A.L. 94 ta' l-1997.

Jemenda r-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali.

2. Minflok ir-regolament 1 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"1. It-titolu ta' dawn ir-regolamenti hu Regolamenti dwar l-Ikklampjar u t-Tneħħija ta' Vetturi bil-Mutur u Oġġetti ta' Ingombru.".

Jemenda r-regolament 2 tar-regolamenti prinċipali.

3. Minnufih wara t-tifsira "vettura abbandunata" għandha tidħol it-tifsira ġdida li ġejja:

" "vettura bil-mutur" tfisser kull vettura li timxi weħidha mekkanikament u li tiċċirkola fit-triq, minbarra vettura li timxi fuq il-binarji;".

Jemenda r-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali.

4. Is-subregolament (2) tar-regolament 3 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) minflok il-kelma "vettura", kull fejn tinsab, għandhom jidħlu l-kliem "vettura bil-mutur"; u

(b) minnufih wara subregolament (2) għandu jidħol is-subregolament ġdid li ġej:

"(3) Il-Kummissarju jista' wkoll jieħu pussess, ineħħi u jaħżen vetturi bil-mutur li jkunu fit-triq bi ksur ta' l-Att dwar Taxxa tar-Reġistrazzjoni ta' Vetturi bil-Mutur jew tar-Regolamenti ta' l-2004 dwar ir-Reġistrazzjoni u l-Liċenzjar ta' Vetturi bil-Mutur.".

Kap. 368.

A.L. 476 ta' l-2004.